MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2399/2003

**Albert u Christine konjugi Scerri**

**Vs**

**Godwin Pisani**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Dicembru 2003 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu is-somma ta' Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) rapprezentanti somma mhallsa bhala depozitu ta' prezz ta' ghamara.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi qieghdin jitolbu lill-konvenut jirrifondilhom is-somma ta' tminn mitt lira Maltin (Lm800) rapprezentanti somma mhallsa lill-konvenut bhala depozitu akkont ta' prezz ta' ghamara li kellha tigi manifatturata u konsenjata lill-atturi, liema konsenja qatt ma saret, minkejja diversi

interpellanzi tal-atturi, u wieghdiet inutili tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. In linea preliminari l-eccipjenti jecepixxi li huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur stante li n-negozju meritu tal-kawza sar mhux mal-konvenut propju izda mas-socjeta` Pisani Holdings Limited u ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess, la l-esponenti proprju u lanqas is-socjeta` minnu rapprezentata u cioe` Pisani Holdings Limited m'ghandhom jaghtu xejn lill-atturi stante li l-ghamara in kwistjoni kienet tlestiet mis-socjeta` tal-konvenut u kien propju wara li din tlestiet li l-atturi ma accettawiex stante li t-tifla taghhom kienet hassret l-gherusija taghha.
3. Illi in oltre meta l-atturi ppretendew ghamara ohra alternattiva minflok id-depozitu, is-socjeta` Pisani Holdings Limited qabbdiethom mas-sur Alfred Bianchi sabiex jahdmilhom l-ghamara li riedu, liema ftehim gie konvenut bejn l-atturi, s-socjeta` Pisani Holdings Limited u l-istess Alfred Bianchi.

Ghalhekk kwalsiasi indampjenza fl-appalt hija imputtabli lil Alfred Bianchi li ghandu jigi msejjah fil-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra kemm il-darba ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna talba ghall-rifuzjoni ta' depozitu ghal sett ta' ghamara minghand il-konvenut. Il-flus kienu thallsu lilu, dana lura fl-1999.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tal-hames snin, pero` una volta si tratta ta' kuntratt bejn min qed jordna u

minghand min jordna, il-perjodu applikabbli huwa ta' hames snin u allura una volta li l-kawza l-eccezzjoni giet prezentata f'Dicembru 2003, il-hames snin ma kienux ghaddew u allura din tal-preskrizzjoni tigi michuda.

In oltre l-istess konvenut talab il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Pisani Holdings Limited, socjeta` tieghu stess u ta' certu Alfred Bianchi li baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Is-socjeta` Pisani Holdings tallega fir-risposta taghha li kienet inkarigat lill-kjamat fil-kawza u allura kien gie kreat kuntratt ta' novazzjoni w obbligazzjoni fil-konfront ta' l-attur. Ma jirrizulta minn imkien illi l-istess atturi kienu accettaw din in-novazzjoni u taw huma l-inkarigu lill-konvenut li da parti tieghu accetta l-istess inkarigu.

Ma jirrizulta minn imkien illi s-socjeta` Pisani Holdings, assumiet ir-responsabbilta` fil-konfront tal-kuntrattur anchor che ghandu c-cheques li gew intestati lilu ghax hekk kien ta istruzzjonijiet l-istess Pisani, l-odjern konvenut.

Jidher illi l-konvenut qed jitfa' l-oneru fuq is-socjeta` konvenuta u hi da parti taghha fuq il-kjamat fil-kawza Alfred.

Illi m'hux la legalment accettabbli u wisq anqas gust illi flus li gew imhallsa lill-persuna dana jipprova jghaddi responsabbilta` ta' l-istess rifuzjoni stante illi ma jidher minn imkien li din l-ghamara giet konsenjata lill-atturi u / jew giet depozitata lill-Awtorita` ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati.

Rinfaccjat b'tali sitwazzjoni t-Tribunal ma jistax ma jakkordax it-talbiet attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut Pisani jirrifondi s-somma ta' tmien mitt lira (Lm 800) lill-attur, dan illi jibqalu d-dritt si et quatenus kontra s-socjeta` Pisani Holdings Limited u / jew Alfred Bianchi sabiex hu jkun jista' jirreklama l-istess ammont minn dawn il-persuni. Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------